

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-4 ta' Novembru 2008 — Van Beers vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-126/07) <sup>(1)</sup>

(*Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' ċertifikazzjoni — Proċedura 2006 — Nuqqas li jitniżżel l-isem tar-rikorrenti fil-lista tal-uffiċjali magħżula — Artikolu 45a tar-Regolamenti tal-Persunal*)

(2009/C 44/127)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti*: Isabelle Van Beers (Woluwé-St-Étienne, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

*Konvenuta*: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)

**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2007 li tiċħad il-kandidatura tar-rikorrenti għall-proċedura ta' ċertifikazzjoni 2006.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 22, 26.1.2007, p. 57.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-9 ta' Diċembru 2008 — Efstathopoulos vs Il-Parlament Ewropew**

(Kawża F-144/07) <sup>(1)</sup>

(*Servizz pubbliku — Ex-membri tal-persunal temporanju — Regolament (KE, Euratom, KEFA) Nru 2689/95 — Allowance ta' tmiem tas-servizz — Teħid inkunsiderazzjoni ta' bonus għal produttività fil-kalkolu tal-ammont tad-dħul gross irċevut fil-kuntest tal-funzjonijiet ġodda*)

(2009/C 44/128)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

**Partijiet**

*Rikorrent*: S. Efstathopoulos (Chalandri, il-Greċja) [rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Michi, avukati]

*Konvenut*: Il-Parlament Ewropew [rappreżentanti: A. Lukošiuė u A. Troupiotis, aġenti]

**Suġġett**

L-annulament tad-deċiżjoni tal-Parlament tat-18 ta' April 2007 li twassal għal tnaqqis tal-pensjoni ta' rtirar tar-rikorrent u għall-irkupru tal-pagament żejded.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha*

<sup>(1)</sup> ĠU C 92, 12.4.2008, p. 50.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-30 ta' Ottubru 2008 — Ortega Serrano vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-48/08) <sup>(1)</sup>

(*Servizz Pubbliku — Inammissibbiltà manifesta — Impossibbiltà ta' rappreżentazzjoni tar-rikorrent minn avukat li mhux wiex terza persuna — Għajjuna legali — Talba għal intervent*)

(2009/C 44/129)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrent*: Antonio Ortega Serrano (Cádiz, Spanja) (rappreżentant: A. Ortega Serrano, avukat)

*Konvenuta*: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: K. Herrmann u L. Lozano Palacios, aġenti)

**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AD/26/05, li tirrifjuta lir-rikorrent jitniżżel fil-lista ta' riżerva u li tistabbilixxi data ġdida għall-prova orali.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*
- 2) *It-talba sussidjarja ta' A. Ortega Serrano sabiex jiġi awtorizzat jir-regolarizza r-rikors tiegħu hija miċħuda.*
- 3) *A. Ortega Serrano huwa kkundannat għall-ispejjeż.*
- 4) *M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent.*